2025/1555

28.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1555

tal-25 ta' Lulju 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 ([1]), li tikkonċerna miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 tapplika sal-31 ta' Lulju 2025. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu mġedda sal-31 ta' Lulju 2026.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277, id-data "31 ta' Lulju 2025" hija sostitwita b'dik tal-"31 ta' Lulju 2026".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1277 tat-30 ta' Lulju 2021 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu (ĠU L 277 I, 2.8.2021, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1277/oj).